**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI**

| | |
|---|---|
| **Każ Nru:** | K/069 |
| **Allegazzjoni:** | Użu ta' riżorsi pubbliċi għall-finijiet ta' pubbliċità personali |
| **Ilmentatur:** | L-Onor. Dr Karol Aquilina |
| **Data tal-Ilment:** | 30 ta' Settembru 2024 |
| **Data ta' Dan ir-Rapport:** | 24 ta' Marzu 2025 |

**L-Ilment**

1. Fit-30 ta' Settembru 2024, l-Onor. Dr Karol Aquilina (l-Ilmentatur) kiteb lil dan l-Uffiċċju biex jilmenta dwar riklam maħruġ mill-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni. Ir-riklam ħa l-forma ta' filmat qasir li ġie mxandar mill-ministeru fuq il-midja soċjali, u li jittratta dwar l-iskola primarja l-ġdida tal-Imsida.

2. Skont l-Ilmentatur, il-Ministru Clifton Grima deher fil-filmat għal xejn inqas minn 11-il darba waqt żjara li huwa għamel f'din l-iskola. L-Ilmentatur allega li dan "*jirrappreżenta ksur tal-paragrafi 4.9, 4.10, 5.3 u 7.4 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari mill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-Onor. Clifton Grima*."

3. L-ilment huwa anness ma' dan ir-rapport bħala d-**Dokument A**, flimkien ma' screenshots sottomessi mill-Ilmentatur li juru kif deher ir-riklam fuq Facebook.

4. Il-filmat in kwistjoni ttella' fil-paġna fuq Facebook intitolata "Edukazzjoni", li hija l-paġna uffiċjali tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, fis-7 ta' Settembru 2024. Il-filmat huwa twil 46 sekonda. Fih innifsu ma jinkludix kitba jew kummentarju, iżda ttella' fuq Facebook flimkien ma' kitba li tgħid "*L-iskola*

*Primarja l-ġdida tal-Imsida – l-ewwel skola pubblika carbon neutral li qatt inbniet lokalment.*”[1]

5. Din il-kitba tinkludi wkoll it-tags “*Clifton Grima*” u “*Foundation for Tomorrow's Schools – FTS*”. L-ewwel tag hija ħolqa għall-paġna personali tal-Ministru Clifton Grima fuq Facebook, waqt li t-tieni waħda hija ħolqa għall-paġna uffiċjali tal-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada fuq Facebook.

6. Din il-kitba kienet “sponsored post”. Dan ifisser li l-Ministeru għall-Edukazzjoni, bħala s-sid tal-paġna fejn ittellgħet il-kitba, ħallas sabiex il-kitba u l-filmat li jakkumpanjaha jkollhom ċirkolazzjoni usa' min-normal fost dawk li jużaw Facebook. Sponsored post tammonta għal riklam.

**Il-Kuntest**

7. Fis-17 ta' Marzu 2021 il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika ta' dak iż-żmien, Dr George Hyzler, ħareġ rapport dwar riklam tal-gvern li deher f'diversi gazzetti. Ir-rapport ikkonkluda li r-riklam kien jinvolvi l-użu ħażin ta' fondi pubbliċi minn ministru għall-iskop ta' pubbliċità personali.[2] Il-Kummissarju Hyzler irrefera r-rapport tiegħu lill-Kumitat Permanenti tal-Parlament għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika.

8. Il-membri tal-Kumitat ivvotaw tnejn favur u tnejn kontra r-rapport. L-Ispeaker bħala president tal-Kumitat kellu vot deċiżiv, iżda astjena. B'hekk ir-rapport ma ġiex adottat mill-Kumitat. L-Ispeaker spjega l-astensjoni tiegħu billi qal li kien hemm bżonn linji gwida li jistabbilixxu kriterji ċari dwar kif għandhom isiru r-riklami.[3]

9. B'riżultat ta' dan, fit-2 ta' Awwissu 2021 il-Kummissarju Hyzler ippubblika dokument intitolat *Guidelines on Government Advertising and Promotional Material*. Dan id-dokument jgħid li l-linji gwida miġbura fih ma jirrappreżentawx regoli ġodda, iżda jindikaw biss kif għandu jiġi interpretat il-

---

[1] Ara https://www.facebook.com/edukazzjonigovmt/videos/1474396309720253.

[2] Rapport dwar il-każ K/028, aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/Commissioner-for-Standards-case-report-K028.pdf.

[3] Motivazzjoni tal-vot tal-Ispeaker tat-28 ta' April 2021, aċċessibbli minn https://www.gov.mt/en/Government/DOI/Press%20Releases/PublishingImages/Pages/2021/May/03/pr210819/pr210819a.pdf.

Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari f'każi li jinvolvu riklamar jew materjal promozzjonali tal-gvern.[4]

10. Fl-1 ta' Ġunju 2022, il-Kummissarju Hyzler ħareġ rapport dwar każ ieħor li kien jinvolvi riklami mħallsa minn fondi pubbliċi.[5] Il-Kumitat għall-Istandards wasal għal deċiżjoni fuq dan il-każ fit-28 ta' Ġunju tas-sena ta' wara. Il-membri tal-Kumitat reġgħu inqasmu tnejn favur u tnejn kontra r-rapport tal-Kummissarju, u l-Ispeaker ivvota kontra r-rapport. L-Ispeaker ibbaża l-vot tiegħu fuq il-fatt li l-linji gwida ta' Awwissu 2021 ma kellhomx saħħa legali.[6]

11. Sadanittant is-sottoskritt kien inħatar Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika. Fit-18 ta' Lulju 2023 huwa kiteb lill-Ispeaker biex jirrakkomanda li l-linji gwida in kwistjoni jingħataw ix-xejra ta' regoli u jiġu nklużi bħala addenda fil-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari, li jinsab fit-tieni skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta). B'hekk il-linji gwida jkollhom bażi legali u jiġi eliminat kull dubju dwar il-validità tagħhom.

12. Fl-ittra tiegħu is-sottoskritt irrefera għaż-żewġ każi msemmija fuq u qal:

> *Fiż-żewġ każi l-Kumitat interpreta d-dispożizzjonijiet relevanti b'mod ristrett iżżejjed, bħallikieku kien qed japplika l-prinċipji tal-liġi kriminali għall-kamp tal-etika. Fil-fehma tiegħi, dan mhux korrett. L-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika juri b'mod ċar li allegazzjonijiet ta' ksur ta' etika m'għandhomx jiġu trattati qishom akkużi kriminali. L-implikazzjonijiet u r-reperkussjonijiet ta' allegazzjoni ta' ksur ta' etika u allegazzjoni ta' reat huma għal kollox differenti u m'għandhomx jiġu ttrattati jew regolati bl-istess mod. L-etika tmur lil hinn mill-osservanza stretta tal-liġi.*
>
> *Jekk wieħed iqis dawn iż-żewġ każi bħala preċedent, ifisser li l-Kumitat dwar l-Istandards la hu lest jistrieħ fuq il-kodiċi ta' etika ministerjali u*

---

4 Ara l-paragrafu 1.3 tal-linji gwida, li huma aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/guidelines-government-advertising-promotional-material.pdf.

5 Rapport dwar il-każ K/041, aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/Commissioner-for-Standards-case-report-K041.pdf.

6 Motivazzjoni tal-vot tal-Ispeaker tat-28 ta' Ġunju 2023, aċċessibbli minn https://www.gov.mt/en/Government/DOI/Press%20Releases/PublishingImages/Pages/2023/06/29/pr231024/pr231024a.pdf.

*lanqas ma huwa lest jirreferi għal-linji gwida huwa u jikkunsidra allegazzjonijiet ta' ksur ta' etika marbuta ma' riklami mħallsa minn fondi pubbliċi. B'hekk il-Kumitat effettivament ħoloq sitwazzjoni fejn huwa ma jistax jieħu azzjoni kontra tali ksur. Din is-sitwazzjoni għandha tiġi indirizzata b'urġenza.*[7]

13. Din ir-rakkomandazzjoni saret taħt l-artikolu 13(1)(g) tal-Att, iżda l-Kumitat baqa' qatt ma ħa deċiżjoni dwarha.

14. Is-sottoskritt sab ksur ta' etika marbut ma' riklami pubbliċi fi tliet każi, għad li l-ksur ma kienx ta' natura gravi u għalhekk seta' jiġi applikat l-artikolu 22(5) tal-Att. Bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Kummissarju għall-Istandards jista' jagħlaq każ jekk il-każ ma jkunx ta' xorta gravi u l-persuna li ġiet investigata tirrimedja l-ksur ta' etika b'mod li l-Kummissarju jqis adegwat.

15. Tnejn minn dawn it-tliet każi ngħalqu mis-sottoskritt taħt l-artikolu 22(5) wara li rċieva apoloġija mill-persuna investigata.[8] F'każ minnhom il-ministru konċernat saħansitra ħallas lura l-ispejjeż tar-riklam minn butu.

16. Fit-tielet każ, is-sottoskritt ma rċeviex apoloġija u għalhekk kellu jirreferi l-każ lill-Kumitat għall-Istandards.[9] Il-membri tal-Kumitat għal darb'oħra vvotaw tnejn favur u tnejn kontra r-rapport, u l-Ispeaker ivvota kontra r-rapport. L-Ispeaker reġa' bbaża l-vot tiegħu fuq il-fatt li l-linji gwida ta' Awwissu 2021 ma kellhomx saħħa legali.[10] Dan kien minkejja li fir-rapport tiegħu, is-sottoskritt qal li ma kellux għalfejn jirreferi għal-linji gwida biex jikkonkludi li kien hemm ksur ta' etika f'dan il-każ, għaliex din il-konklużjoni kienet evidenti meta jitqies il-kontenut tal-filmat relevanti.[11]

---

[7] Din l-ittra hija aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/recommendation-to-speaker-2023-07-18.pdf.

[8] Rapport dwar il-każ K/045 (maħruġ fl-14 ta' April 2023), aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/Commissioner-for-Standards-case-report-K045.pdf, u rapport dwar il-każ K/053 (maħruġ fl-14 ta' Novembru 2024), aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/commissioner-for-standards-case-report-k053.pdf.

[9] Rapport dwar il-każ K/052 (4 ta' Marzu 2024), aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/Commissioner-for-Standards-case-report-K052.pdf.

[10] Traskrizzjoni tal-laqgħa tal-Kumitat tas-7 ta' Novembru 2024 (aċċessibbli minn https://parlament.mt/media/132039/20241107_011d_sta.docx), paġni 2–5.

[11] Ara l-paragrafi 19(a) u 29 tar-rapport dwar il-każ K/052.

**Deċiżjoni li Ssir Investigazzjoni**

17. Is-sottoskritt deherlu li l-ilment hawn taħt konsiderazzjoni kien jimmerita investigazzjoni fid-dawl tad-dispożizzjonijiet li ġejjin tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari:

> *4.9 Il-Ministri għandhom iżommu separati r-rwoli tagħhom bħala Ministri u bħala Deputati, kif ukoll ir-rwol tagħhom bħala membru ta' partit politiku.*
>
> *4.10 Il-Ministri għandhom jirrispettaw il-prinċipju tal-imparzjalità politika tas-servizz pubbliku.*
>
> *5.3 Diliġenza – ladarba l-Ministri jamministraw beni pubbliċi, f'isem il-pubbliku inġenerali, għandhom jeżerċitaw l-ogħla livell ta' diliġenza inkluż fl-infiq ta' fondi pubbliċi, kif ukoll għandhom jaħdmu b'għaqal u bżulija fit-twettiq tad-doveri tagħhom.*
>
> *7.4 Il-Ministri għandhom jirrispettaw l-imparzjalità tas-servizz pubbliku u jaraw illi l-influwenza tagħhom fuq is-servizz pubbliku ma tkunx abbużata.* […]

18. Is-sottoskritt deherlu li dan il-każ kellu jiġi kkunsidrat ukoll fid-dawl ta' dawn id-dispożizzjonijiet tal-linji gwida tat-2 ta' Awwissu 2021:

> *1.5 These guidelines do not cover all situations that might possibly arise, and the absence of guidelines on any matter does not exonerate ministers from their obligation to observe the Ministerial Code in all circumstances. The Commissioner will continue to consider alleged breaches of ethics that are not covered by these guidelines with direct reference to the Ministerial Code and the Act.*
>
> *2.3 Inter alia, government advertising may include:* [...]
>
> > *(c) boosted or sponsored posts on social media;* [...]
>
> *3.5 Government advertisements, as distinct from promotional material, should not include the names or photographs of ministers.*

**Proċedura tal-Investigazzjoni**

19. Dan l-Uffiċċju kiteb lill-Ministru Clifton Grima fil-15 ta' Ottubru 2024 sabiex jirreferilu l-ilment. L-ittra hija annessa bħala d-**Dokument B**. Din l-ittra rriferiet għad-dispożizzjonijiet ikkwotati fuq tal-kodiċi ta' etika ministerjali u tal-linji gwida. L-ittra talbet lill-Ministru Grima jagħti l-veduti tiegħu b'mod ġenerali dwar l-ilment, u jgħid ukoll:

- x'kienu l-ispejjeż għall-produzzjoni tal-filmat, kif ukoll l-ispejjeż assoċjati max-xandir tiegħu;
- jekk jikkonsidrax li d-dehra tiegħu fil-filmat kienet ġustifikata fl-interess pubbliku, u jekk iva, għalfejn;
- jekk ir-riklam in kwistjoni kienx jirrispetta d-distinzjoni bejn l-irwol uffiċjali ta' membru tal-Eżekuttiv u l-irwol ta' politiku f'kapaċità personali;
- jekk ir-riklam kienx jaffettwa l-imparzjalità tas-servizz pubbliku, peress li deher fil-paġna uffiċjali tal-ministeru fuq Facebook u l-pagamenti relattivi preżumibbilment ġew awtorizzati minn uffiċjal pubbliku.

20. Il-Ministru Grima ntalab iwieġeb sa mhux aktar tard mill-15 ta' Novembru 2024, iżda fuq talba tiegħu il-Kummissarju estenda dan it-terminu b'ġimagħtejn.

21. Il-Ministru Grima wieġeb permezz ta' ittra datata 24 ta' Ottubru 2024, li waslet f'dan l-Uffiċċju fit-28 ta' Novembru 2024.[12] Din l-ittra hija annessa bħala d-**Dokument Ċ**. Fiha l-Ministru qal fost affarijiet oħra li:

(a) il-filmat kien maħsub biex jgħarraf lill-pubbliku bl-aħħar żviluppi rigward l-ewwel skola carbon neutral f'Malta;

(b) il-ministru deher fil-filmat għal mumenti qosra waqt li kien akkumpanjat minn diversi uffiċjali, u ma ġie identifikat bl-ebda mod fil-filmat; u

(ċ) il-filmat ġie approvat "*mill-uffiċjali rispettivi fi ħdan il-Ministeru*".

22. Il-Ministru qal ukoll li l-filmat ġie jiswa mitt ewro.

---

[12] Is-sottoskritt jifhem li x-xahar ta' Ottubru ġie inkluż bi żball flok dak ta' Novembru fid-data tal-ittra.

## Konsiderazzjonijiet

23. Is-sottoskritt ma kienx sodisfatt bil-ġustifikazzjoni għall-filmat li tressqet mill-Ministru Grima. Ir-raġunijiet huma dawn li ġejjin:

(a) Minkejja li l-Ministru Grima stqarr li l-filmat ġie magħmul għal raġunijiet informattivi, il-filmat ma fih ebda diskors, kummentarju jew informazzjoni viżiva. M'hemm xejn x'jindika dwar xiex inhu ħlief għall-kitba qasira fuq Facebook li takkumpanja l-filmat.

(b) Il-Ministru Grima jidher fil-filmat għal madwar terz tal-ħin totali tiegħu. Barra minn hekk, il-kitba fuq Facebook li takkumpanja l-filmat tinkludi isem il-Ministru fil-forma ta' tag li tagħti għall-paġna personali tiegħu fuq Facebook. B'dan il-mod, riklam imħallas minn fondi pubbliċi qed jagħti pubbliċità lill-paġna personali tal-Ministru, li tinkludi kontenut politiku fost affarijiet oħra.

(ċ) Il-Ministru ma qalx min huma l-uffiċjali li allegatament approvaw il-filmat, iżda indika li dawn jaħdmu fil-ministeru tiegħu. Dan ifisser li huma subordinati tal-Ministru u għalhekk ma jistgħux jitqiesu indipendenti minnu. Fi kwalunkwe każ, ministru ma jiġix eżentat mir-responsabbiltà li josserva l-obbligi etiċi tiegħu jekk iġib l-approvazzjoni ta' terzi għall-azzjonijiet tiegħu.[13]

24. Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li kwalunkwe messaġġ li r-riklam kien maħsub biex iwassal seta' faċilment jitwassal mingħajr ma jidher il-Ministru fih. Jekk ministru jidher f'riklam maħsub biex jippubbliċizza proġett tal-gvern, dan jagħti x'jifhem li l-ministru qed jipprova jagħmel gwadann politiku jew personali billi jieħu l-kreditu għat-tali proġett f'għajnejn il-pubbliku. Hija għal din ir-raġuni li l-linji gwida tat-2 ta' Awwissu 2021 jipprojbixxu l-użu tar-ritratti jew l-ismijiet ta' ministri f'riklami uffiċjali mħallsa minn fondi pubbliċi.

25. Għalhekk is-sottoskritt deherlu li dan il-każ jirrappreżenta użu ħażin ta' fondi pubbliċi, għalkemm ta' ammont żgħir; nuqqas ta' separazzjoni bejn l-irwol ta' ministru u ta' deputat; u nuqqas ta' rispett lejn l-imparzjalità tas-

[13] Dwar dan il-punt, ara l-paragrafu 147 tar-rapport dwar il-każ K/042, maħruġ fit-23 ta' Ottubru 2024 u aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/commissioner-for-standards-case-report-k042.pdf.

servizz pubbliku, billi skont il-proċedura amministrattiva normali n-nefqa fuq ir-riklam kellha tiġi approvata minn uffiċjali fis-servizz pubbliku.

26. Madankollu, in vista tal-qosor tal-filmat u l-ammont limitat li ntefaq fuqu, is-sottoskritt deherlu wkoll li dan il-każ jista' jiġi konkluż taħt l-artikolu 22(5) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika.

**Korrispondenza Sussegwenti mal-Ministru Grima**

27. Fid-19 ta' Frar 2025, is-sottoskritt kiteb lill-Ministru Clifton Grima biex jinfurmah b'dawn il-konklużjonijiet u jipproponi li l-każ jiġi konkluż taħt l-artikolu 22(5) tal-Att permezz ta' apoloġija bil-miktub. Din l-ittra hija annessa bħala d-**Dokument D**.

28. Il-Ministru Grima wieġeb permezz ta' ittra datata 13 ta' Marzu 2025 (**Dokument E**). Huwa qal fost affarijiet oħra li:

> *Filwaqt li nikkonferma dak iddikjarat minni fil-korrispondenza preċedenti, ma jidhirlix li huwa kompitu tiegħi li nidentifika min għamel jew tella' il-filmat. Niddikjara inoltre illi fuq livell personali qatt ma rajt l-istess filmat qabel ma ġejt notifikat mill-uffiċċju tiegħek bl-investigazzjoni odjerna. Infatti, rajt il-filmat għall-ewwel darba nhar il-15 ta' Ottubru 2024 u cioè fil-ġurnata li ġejt notifikat mill-uffiċċju tiegħek bl-investigazzjoni.*
>
> *Ma nemminx illi għax dehert fil-filmat ifisser illi b'xi mod saret xi ħaġa ta' għajb li tagħti x'tifhem li jien ridt nieħu kreditu politiku jew personali f'għajnejn il-pubbliku. Minkejja li kont injar mill-aġir tal-uffiċjali, ntenni illi l-filmat ma jwassalx għal konklużjoni ta' skorrettezza. Wisq inqas ma nemmen illi tali filmat jista' jiġi meqjus bħala abbuż ta' fondi pubbliċi, anki jekk dawn ikunu ammonti żgħar.* [...]
>
> *Filwaqt illi nesprimi r-rispett kbir li għandi lejn il-Kummissarju għall-Istandards u minkejja illi kull apoloġija tiegħi kienet ittemm dan l-inċident spjaċevoli, onestament inħoss li fl-ebda ħin jew mument ma ksirt jew inqas milli nosserva l-istandards u etika mistennija minni fil-ħajja pubblika.*

## Konsiderazzjonijiet finali

29. Fl-aħħar ittra tiegħu, il-Ministru Clifton Grima jistqarr li hu ra l-filmat biss wara li rċieva l-ittra ta' dan l-Uffiċċju tal-15 ta' Ottubru 2024 (Dokument B). Jekk dan hu minnu, mhux ċar għalfejn ma ġiex iddikjarat mill-Ministru fl-ewwel risposta tiegħu (Dokument Ċ). Barra minn hekk, fl-aħħar ittra tiegħu il-Ministru ma qalx min kienu dawk involuti u ma ta ebda indikazzjoni li ħa xi azzjoni biex jikkoreġi l-għemil tagħhom. Anzi, baqa' jiddefendi l-filmat. Għalhekk din l-istqarrija min-naħa tal-Ministru Grima ma teżentahx mir-responsabbiltà tiegħu f'dan il-każ.

30. Ġaladarba l-Ministru Grima m'aċċettax il-proposta li dan il-każ jiġi konkluż b'apoloġija taħt l-artikolu 22(5) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, is-sottoskritt qiegħed jirreferi l-każ lill-Kumitat Permanenti tal-Parlament għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika.

31. F'dan il-kuntest, is-sottoskritt itenni l-veduti li huwa esprima fl-ittra tiegħu tat-18 ta' Lulju 2023. Is-sottoskritt itenni wkoll ir-rakkomandazzjoni tiegħu li l-linji gwida ta' dan l-Uffiċċju tat-2 ta' Awwissu 2021 jiġu nklużi fil-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari. Sakemm is-sitwazzjoni tibqa' kif inhi fil-preżent, is-sottoskritt bi ħsiebu jkompli jinterpreta l-kodiċi fid-dawl tal-linji gwida f'każi li jinvolvu riklami jew materjal promozzjonali tal-gvern.

## Konklużjonijiet

32. Għar-raġunijiet mogħtija f'dan ir-rapport, is-sottoskritt wasal għall-konklużjoni li l-filmat u l-isponsored post li huma s-suġġett tal-ilment jirrappreżentaw ksur tal-artikoli 4.9, 4.10, 5.3 u 7.4 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari, sija pure b'mod pjuttost leġġer.

33. Is-sottoskritt talab apoloġija mingħand il-Ministru Clifton Grima bil-għan li jikkonkludi l-każ taħt l-artikolu 22(5) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika. Ġaladarba ma ngħatatx apoloġija, dan ir-rapport qed jiġi sottomess lill-Kumitat għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika skont l-artikolu 22(3) tal-istess Att għall-konsiderazzjoni tiegħu skont l-artikoli 27 u 28 tal-Att.

34. Skont il-proċedura miftehma mal-Kumitat fit-2 ta' April 2019, dan l-Uffiċċju qed jinforma lill-Ilmentatur u lill-Ministru Clifton Grima li r-rapport ġie

sottomess lill-Kumitat, u dan mingħajr ma jingħataw kopja tiegħu. Huwa rakkomandat li:

(a) il-Kumitat jirrilaxxa dan ir-rapport kemm jista' jkun malajr fl-interess tat-trasparenza; u

(b) il-Kumitat jagħti bidu għall-proċess imsemmi fl-artikolu 3(4) tal-Att biex il-linji gwida tat-2 ta' Awwissu 2021 jiġu inkorporati fil-kodiċi ta' etika ministerjali, kif indikat fl-ittra tas-sottoskritt tat-18 ta' Lulju 2023.

**Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

**Dokumenti Annessi**

| | |
|---|---|
| Dokument A | Ittra datata 30 ta' Settembru 2024 mingħand l-Onor. Dr Karol Aquilina. |
| Dokument B | Ittra datata 15 ta' Ottubru 2024 lill-Ministru Clifton Grima. |
| Dokument Ċ | Ittra datata 24 ta' Ottubru 2024 mingħand il-Ministru Clifton Grima (riċevuta minn dan l-Uffiċċju fit-28 ta' Novembru 2024). |
| Dokument D | Ittra datata 19 ta' Frar 2025 lill-Ministru Clifton Grima. |
| Dokument E | Ittra datata 13 ta' Marzu 2025 mingħand il-Ministru Clifton Grima. |

DOKUMENT A

KAROL AQUILINA
Membru Parlamentari

30 ta' Settembru 2024

Il-Prim Imħallef Emeritu Dott. Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
11, Triq San Pawl,
Il-Belt Valletta VLT 1210

Għażiż Sur Kummissarju,

**Rig: Ilment dwar reklam mill-Ministru Clifton Grima**

Minn nhar is-Sibt 7 ta' Settembru sa nhar il-Ħamis 12 ta' Settembru 2024, fuq is-siti soċjali Facebook u Instagram deher reklam mħallas minn fondi pubbliċi permezz tal-paġna uffiċjali tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni li hija aċċessibbli fl-indirizz: https://www.facebook.com/edukazzjonigovmt

Dan ir-reklam kien fil-forma ta' filmat li fih jidher il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-Onor. Clifton Grima, għal xejn inqas minn ħdax-il (11) darba waqt żjara li huwa għoġbu jagħmel fl-iskola Primarja l-ġdida tal-Imsida. L-imsemmi filmat huwa aċċessibbli permezz ta' din il-link:

https://www.facebook.com/edukazzjonigovmt/videos/1474396309720253

Mehmuż għandek issib numru ta' *screenshots* tas-sit soċjali Facebook li juru kif l-imsemmi filmat ġie wżat f'reklam bi ħlas minn fondi pubbliċi kif ukoll l-informazzjoni sħiħa dwaru (immarkata bħala Dok. A) u liema informazzjoni hija wkoll aċċessibbli permezz ta' din il-link:

https://www.facebook.com/ads/library/?id=1595022647715915

Kif m'għandix dubju li taf, il-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari li jinsab fit-tieni skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (Kap. 570 tal-Liġijiet ta' Malta) jipprovdi:

> 4.9 Il-Ministri għandhom iżommu separati r-rwoli tagħhom bħala Ministri u bħala Deputati, kif ukoll ir-rwol tagħhom bħala membru ta' partit politiku.
>
> 4.10 Il-Ministri għandhom jirrispettaw il-prinċipju tal-imparzjalità politika tas-servizz pubbliku.
>
> [...]
>
> 5.3 Diliġenza – ladarba l-Ministri jamministraw beni pubbliċi, f'isem il-pubbliku inġenerali, għandhom jeżerċitaw l-ogħla livell ta' diliġenza inkluż fl-infiq ta' fondi pubbliċi, kif ukoll għandhom jaħdmu b'għaqal u bżulija fit-twettiq tad-doveri tagħhom.
>
> [...]
>
> 7.4 Il-Ministri għandhom jirrispettaw l-imparzjalità tas-servizz pubbliku u jaraw illi l-influwenza tagħhom fuq is-servizz pubbliku ma tkunx abbużata.

m. [redacted] e. karol@karolaquilina.mt w. karolaquilina.mt

M'għandix dubju wkoll li taf li l-Guidelines on Government Advertising and Promotional Material ippubblikati nhar it-2 ta' Awwissu 2021 jipprovdu:

2.3 *Inter alia*, government advertising may include:

[...]

(c) boosted or sponsored posts on social media;

[...]

3.5 Government advertisements, as distinct from promotional material, should not include the names or photographs of ministers.

[...]

3.7 A publication of the kind mentioned in paragraph 3.6(a) or 3.6(b) may include content referring to ministers, provided that –

[...]

(c) the publication is not circulated or broadcast against payment, or by means that would normally require payment, such that it would qualify as an advertisement for the purposes of these guidelines.

Fil-fehma tiegħi r-reklam li huwa s-suġġett ta' dan l-ilment jirrappreżenta ksur tal-paragrafi 4.9, 4.10, 5.3 u 7.4 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari mill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-Onor. Clifton Grima.

Ippermettli nfakkrek u nenfasizza miegħek li fir-rapport tal-Każ Nru K/045 dwar pubblikazzjoni ta' reklam imħallas minn fondi pubbliċi għall-iskop ta' pubbliċità personali da parti tal-Ministru Clyde Caruana, inti kont ikkonkludejt hekk:

"24. Jekk ministru *jidher* f'riklam maħsub biex jippubbliċizza miżura meħuda mill-gvern, dan jagħti x'jifhem li l-ministru qed jipprova jagħmel gwadann politiku jew personali billi jieħu l-kreditu għat-tali miżura f'għajnejn il-pubbliku. Dan jirrappreżenta abbuż ta' fondi pubbliċi, sija pure f'dan il-każ ta' ammont żgħir ħafna; nuqqas ta' separazzjoni bejn l-irwol ta' ministru u ta' deputat; u nuqqas ta' rispett lejn l-imparzjalità tas-servizz pubbliku, billi l-proċedura amministrattiva titlob li uffiċjali fis-servizz pubbliku japprovaw in-nefqa fuq ir-riklam in kwistjoni.

25. Hija għal din ir-raġuni li l-linji gwida tat-2 ta' Awwissu 2021 jipprojbixxu l-użu tar-ritratti jew l-ismijiet ta' ministri f'riklami uffiċjali mħallsa minn fondi pubbliċi.".

Minkejja d-diversi deċiżjonijiet tiegħek dwar każijiet simili, jidher li l-Prim Ministru, il-Ministri u s-Segretarji Parlamentari qegħdin jibqgħu jagħmlu reklami għalihom nfushom imħallsin minn fondi pubbliċi bi ksur ċar u sfaċċat tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari.

Għaldaqstant filwaqt li qiegħed inressaq dan l-ilment għall-konsiderazzjoni tiegħek, ġentilment nitolbok twettaq investigazzjoni u tasal għal dawk il-konklużjonijiet u tagħmel dawk ir-rakkomandazzjonijiet li jidhirlek li jkunu xierqa f'dan il-każ. Jiena nibqa' fi kwalunkwe

ħin u ċirkostanzi dispost li nipprovdik bl-informazzjoni u bl-ispjegazzjonijiet li tista' tkun meħtieġ.

Inselli għalik,

Karol Aquilina
Shadow Minister għall-Ġustizzja

Meta    Ad Library    Ad Library report    Ad Library API    Branded content

**Ad details**

Library ID: 1595022647715915

Inactive

7 Sep 2024 - 12 Sep 2024

Platforms

Categories

Estimated audience size: **100K-500K**

Amount spent (EUR): **<€100**

Impressions: **50K-60K**

**Edukazzjoni**
**Sponsored** • Paid for by **Edukazzjoni**
Library ID: 1595022647715915

L-iskola Primarja l-ġdida tal-Imsida - l-ewwel skola pubblika carbon neutral li qatt inbniet lokalment.

Clifton Grima | Foundation for Tomorrow's Schools - FTS



Skola Primarja Msida

## About the disclaimer

When an advertiser categorises their ad as being about social issues, elections or politics, they are required to disclose who paid for the ad. Learn more

**Information from the advertiser**

This information was submitted by the advertiser.

*Submitted on 26 Jan 2024*

Disclaimer
Edukazzjoni

Phone number
+35679373381

Email address
christian.b.cauchi@gov.mt

Website
https://www.facebook.com/edukazzjonigovmt/

Address
Ministry for Education, Great siege road, Floriana, Malta VLT9000, MT

Visit the Help Centre to learn about what we require from advertisers to run ads about social issues, elections or politics. Learn more

## Ad audience

Close



Meta
Ad Library
Ad Library report
Ad Library API
Branded content
Ad details
Library ID: 1595022647715915
Inactive
7 Sep 2024 - 12 Sep 2024
Platforms
Categories
Estimated audience size: 100K-500K
Amount spent (EUR): <€100
Impressions: 50K-60K
Edukazzjoni
Sponsored • Paid for by Edukazzjoni
Library ID: 1595022647715915
L-iskola Primarja l-ġdida tal-Imsida - l-ewwel skola pubblika carbon neutral li qatt inbniet lokalment.
Clifton Grima | Foundation for Tomorrow's Schools - FTS
Skola Primarja Msida
Ad audience
Advertisers can target their ads to certain audiences based on factors such as age, gender and location.
Estimated audience size
100K-500K
Estimated audience size is an estimate of how many Accounts Centre accounts met an advertiser's targeting criteria when the ad was created... See more
Ad delivery
Amount spent
<€100 (EUR)
The estimated total amount of money spent on an ad during its schedule. Learn more
Impressions
50K-60K
The number of times that an ad was on a screen, which may include multiple views by the same people. Learn more
Age and gender
Close


Meta
Ad Library
Ad Library report
Ad Library API
Branded content
Ad details
Library ID: 1595022647715915
Inactive
7 Sep 2024 - 12 Sep 2024
Platforms
Categories
Estimated audience size: 100K-500K
Amount spent (EUR): <€100
Impressions: 50K-60K
Edukazzjoni
Sponsored • Paid for by Edukazzjoni
Library ID: 1595022647715915
L-iskola Primarja l-ġdida tal-Imsida - l-ewwel skola pubblika carbon neutral li qatt inbniet lokalment.
Clifton Grima | Foundation for Tomorrow's Schools - FTS
Skola Primarja Msida
Age and gender
Men
Women
Unknown
20%
10%
0%
18-24
25-34
35-44
45-54
55-64
65+
Location
Central Region
38%
South Eastern Region
36%
Northern Region
14%
Gozo
11%
Unknown
<1%
European Union transparency
Close


Meta
Ad Library
Ad Library report
Ad Library API
Branded content
Ad details
Library ID: 1595022647715915
Inactive
7 Sep 2024 - 12 Sep 2024
Platforms
Categories
Estimated audience size: 100K-500K
Amount spent (EUR): <€100
Impressions: 50K-60K
Edukazzjoni
Sponsored • Paid for by Edukazzjoni
Library ID: 1595022647715915
L-iskola Primarja l-ġdida tal-Imsida - l-ewwel skola pubblika carbon neutral li qatt inbniet lokalment.
Clifton Grima | Foundation for Tomorrow's Schools - FTS
Skola Primarja Msida
European Union transparency
We provide additional information for ads that were shown on Meta technologies anywhere in the EU.
EU ad audience
Location
Advertisers can target their ads to certain audiences based on their country, county/region, postcode or town/city.
All location types
Included Excluded
Location
Location type
Included or excluded
Malta
Country/region
Included
Age
18-65+ years old
Advertisers can choose a minimum and maximum age of who will be shown an ad.
Gender
All
Advertisers can choose to target their ad based on gender.
Close



Meta — Ad Library | Ad Library report | Ad Library API | Branded content

**Ad details**

Library ID: 1595022647715915
Inactive
7 Sep 2024 - 12 Sep 2024
Platforms
Categories
Estimated audience size: **100K-500K**
Amount spent (EUR): **<€100**
Impressions: **50K-60K**

**Edukazzjoni**
Sponsored • Paid for by Edukazzjoni
Library ID: 1595022647715915

L-iskola Primarja l-ġdida tal-Imsida - l-ewwel skola pubblika carbon neutral li qatt inbniet lokalment.

Clifton Grima | Foundation for Tomorrow's Schools - FTS

Skola Primarja Msida

**EU ad delivery**

**Reach**

27,264

The number of Accounts Centre accounts in the EU that saw this ad at least once. Reach is different from impressions, which may include multiple views of your ads by the same Accounts Centre accounts. This metric is estimated.

**Reach by location, age and gender**

The demographic breakdown of Accounts Centre accounts in the EU that saw this ad.

| Location | Age range | Gender | Reach |
|---|---|---|---|
| Malta | 25-34 | Unknown | 13 |
| Malta | 25-34 | Male | 1436 |
| Malta | 25-34 | Female | 2393 |
| Malta | 35-44 | Unknown | 58 |
| Malta | 35-44 | Male | 2447 |
| Malta | 35-44 | Female | 5002 |

Close


Meta
Ad Library
Ad Library report
Ad Library API
Branded content
Ad details
Library ID: 1595022647715915
Inactive
7 Sep 2024 - 12 Sep 2024
Platforms
Categories
Estimated audience size: 100K-500K
Amount spent (EUR): <€100
Impressions: 50K-60K
Edukazzjoni
Sponsored • Paid for by Edukazzjoni
Library ID: 1595022647715915
L-iskola Primarja l-ġdida tal-Imsida - l-ewwel skola pubblika carbon neutral li qatt inbniet lokalment.
Clifton Grima | Foundation for Tomorrow's Schools - FTS
Skola Primarja Msida
About the advertiser
Edukazzjoni
@edukazzjonigovmt
56.4K followers • Government organisation
@edukazzjonimt
2K followers
More info
Education and Sport Ministry in Malta
Beneficiary and payer
When targeting certain locations, advertisers are required to disclose who will benefit from an ad and who is paying for it.
Current
Beneficiary Edukazzjoni
Payer Edukazzjoni
About ads and data use
Close

DOKUMENT B

**Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

15 ta' Ottubru 2024

L-Onor. Dott. Clifton Grima
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Bl-email fuq clifton.grima@gov.mt

Onorevoli Ministru Grima,

**Każ K/069 dwar reklam mill-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni**

Irċevejt ilment fejn qed jiġi allegat li inti ksirt l-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari. L-ilment huwa anness ma' din l-ittra.

Fl-imsemmi ilment, saret referenza għal reklam partikolari li allegatament huwa mħallas minn fondi pubbliċi u deher fil-paġna uffiċjali tal-ministeru tiegħek. Dan ir-reklam jinkludi filmat fejn tidher inti bħala Ministru.

L-istess ilment huwa bbażat fuq l-allegat ksur tad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 4.9, 4.10, 5.3 u 7.4 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari.

Dan l-ilment qiegħed jiġi wkoll kunsidrat fid-dawl tal-paragrafi 1.5, 2.3(c) u 3.5 tal-linji gwida li ġew maħruġa fit-2 ta' Awwissu 2021 mill-Kummissarju preċedenti bil-għan li jikkjarifika kif għandhom jiġu interpretati d-dispożizzjonijiet relevanti tal-kodiċi ta' etika ministerjali f'każi li jinvolvu riklami jew materjal promozzjonali tal-gvern. Il-linji gwida huma aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/guidelines-government-advertising-promotional-material.pdf.

In linea mad-dispożizzjonijiet tal-kodiċi ta' etika u tal-linji gwida surreferiti, inti mitlub tagħti l-veduti tiegħek b'mod ġenerali dwar il-punti mqajma fl-ilment, u b'mod partikolari tgħidli:

- X'kienu l-ispejjeż għall-produzzjoni tal-filmat, kif ukoll l-ispejjeż assoċjati max-xandir tiegħu;
- Jekk tikkonsidrax illi d-dehra tiegħek kienet ġustifikata fl-interess pubbliku, u jekk iva, għalfejn;
- Jekk ir-riklam in kwistjoni jirrispettax id-distinzjoni bejn l-irwol uffiċjali ta' membru tal-Eżekuttiv u l-irwol ta' politiku f'kapaċità personali;

- Jekk ir-riklam jaffetwax l-imparzjalità tas-servizz pubbliku, peress li deher fil-paġna uffiċjali tal-ministeru tiegħek fuq Facebook, u li l-pagamenti relattivi preżumibbilment ġew awtorizzati minn uffiċjal pubbliku.

Ġentilment mitlub twieġeb mhux aktar tard mill-**Ġimgħa 15 ta' Novembru 2024**. Aktar tard tista' tintalab tikkonferma r-risposta tiegħek bil-ġurament.

Insellimlek,

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

DOKUMENT Ċ

GVERN TA' MALTA
MINISTRU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT,
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

2 8 NOV 2024
Commissioner for Standards

**Lill: Kummissarju għall-Ħarsien tal-iStandards fil-Ħajja Pubblika**

11,

St. Paul Street,

Valletta, VLT 1210

Illum, 24 ta' Ottubru 2024

Għażiż Sur Kummissarju,

Nikteb bi tweġiba għall-ittra tiegħek in data tal-15 t'Ottubru, 2024.

L-ilment jagħmel referenza għall-filmat li deher fuq il-paġna ta' facebook tal-Ministeru tal-Edukazzjoni, liema paġna hi intiża sabiex tiffaċilita djalogu kontinwu bejn il-Gvern u ċ-ċittadini. L-ilment hu bbażat fuq allegat infrazzjoni tar-regolamenti 4.9, 4.10, 5.3 u 7.4 tal-Kodiċi tal-Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari u fuq il-linji gwida maħruġa fit-2 ta' Awwissu 2021 mill-Kummissarju tal-Istandards fil-Ħajja Pubblika.

Mill-bidu nett jingħad illi ma seħħ ebda ksur tal-Kodiċi tal-Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari, kif stipulat fit-Tieni Skeda tal-Att dwar *Standards* fil-Ħajja Pubblika (Kap. 570 tal-Liġijiet ta' Malta). Isegwi illi lanqas ma hemm nuqqas t'osservanza tal-linji gwida.

*Allegat ksur tar-regolament 4.9 u 4.10 tal-Kodici tal-Etika.*

Ir-regolament 4.9 jaqra kif ġej: *Il-Ministri għandhom iżommu separati r-rwoli tagħhom bħala Ministri u bħala Deputati, kif ukoll ir-rwol tagħhom bħala membru ta' partit politiku.*

Ir-regolament 4.10 jaqra kif ġej: *Il-Ministri għandhom jirrispettaw il-prinċipju tal-imparzjalità politika tas-servizz pubbliku.*

Il-ħsieb wara l-ħolqien tal-filmat kien biex il-Gvern jgħarraf lill-pubbliku dwar l-aħħar żviluppi rigward l-ewwel skola *carbon neutral* f'Malta. L-għarfien tal-pubbliku rigward żviluppi relatati mas-settur edukattiv huwa parti integrali mix-xogħol Ministerjali fit-twettiq tiegħu tas-servizz pubbliku. F'dan il-kuntest, issir riferenza anka għar-regolament 10.1 li tirreferi għall-obbligu tal-Ministri li jinfurmaw lill-pubbliku u lill-*media* b'attivitajiet ministerjali fuq bażi regolari u b'mod organizzat, u dan kif sar fil-filmat in kwestjoni.

Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana, Malta
T +356 2598 2860 M +356 [redacted] E clifton.grima@gov.mt
www. education.gov.mt

Ir-riferenza għall-preżenza tiegħi fil-filmat jirreferi għall-mumenti qosra fejn nidher ġewwa skola pubblika fuq xogħol uffiċjali bħala Ministru tal-Kabinett mogħbbi b'responsabilità politika għall-edukazzjoni, **akkumpanjat ma' diversi uffiċjali oħra.** Li Ministru tal-Kabinett responsabbli għall-edukazzjoni jintwera ġo skola li tagħha huwa politikament responsabbli għal ftit mumenti la hu reklam personali u lanqas xi għajb. Di più, lanqas ma wieħed jista' jirriskontra, mqar darba, la fil-bidu u lanqas lejn l-aħħar, xi marki jew simboli oħra li jidentifikaw direttament jew indirettament b'xi mod lili personalment. Il-filmat ma hux filmat magħmul fi żmien qrib xi elezzjoni u żgur li ma kien hemm ebda ħtiega ta' xi forma ta' promozzjoni politika partiġġjana jew xi forma ta' *self-promotion* (ara wkoll deċiżjoni K/028).

Il-fatt hu li tali filmat jiffoka prinċipalment fuq il-progress fi skola tal-ewwel xorta, u ċertament mudell li l-pajjiż jaspira li jibni fuqu fiż-żmien li ġej fit-twettieq ta' proġetti bħal dawn.

Dak li jsir referenza għalih fil-filmat huwa materjal informattiv li huwa ta' interess pubbliku rigward il-ħidma tal-Gvern fil-qasam tant delikat u essenzjali tal-edukazzjoni u li l-pubbliku għandu dritt ikun infurmat dwaru, liema dritt jiġġenera l-obbligu da parti tal-Gvern illi jinforma dwaru. Jirriżulta għalhekk illi lanqas ma jista' jkun hemm xi ksur *tal-linji gwida 2.3(c), 3.5 u 3.7.*

Dan kollu huwa wkoll in linea mad-deċiżjoni tal-Uffiċju tiegħek fil-każ K/010;

> **"In principle, there is nothing wrong with the government focusing its advertising expenditure, provided that this is done in the public interest with a view to reaching the intended target audience more effectively."**

*<u>Allegat ksur tar-regolament 5.3 u 7.4 tal-Kodici tal-Etika</u>*

Ir-regolament 5.3 jaqra kif ġej: *Diliġenza – ladarba l-Ministri jamministraw beni pubbliċi, f'isem il-pubbliku inġenerali, għandhom jeżerċitaw l-ogħla livell ta' diliġenza inkluż fl-infiq ta'fondi pubbliċi, kif ukoll għandhom jaħdmu b'għaqal u bżulija fit-twettiq tad-doveri tagħhom.*

Ir-regolament 7.4 jaqra kif ġej: -*Ministri għandhom jirrispettaw l-imparzjalità tas-servizz pubbliku u jaraw illi l-influwenza tagħhom fuq is-servizzpubbliku ma tkunx abbużata. Il-Ministri għandhom id-dover li qabel jaslu għal xi deċiżjoni huma jagħtu kunsiderazzjoni xierqa lill-firxa kemm jista' jkun wiesgħa ta' pariri, inkluż billi jagħtu piż lill-parir infurmat u imparzjali tal-uffiċjali jew impjegati pubbliċi.*

Jiġi ribadut illi l-ħsieb wara l-ħolqien tal-filmat kien biss sabiex il-Gvern jgħarraf lill-pubbliku dwar l-aħħar żviluppi rigward l-ewwel skola *carbon neutral* f'Malta. L-għarfien tal-pubbliku rigward żviluppi relatati mas-settur edukattiv huwa parti integrali mix-xoghol Ministerjali fit-twettiq tiegħu tas-servizz pubbliku. F'dan il-kuntest, issir

riferenza anka għar-regolament 10.1 li tirreferi għall-obbligu tal-Ministri li jinfurmaw lill-pubbliku u lill-media b'attivitajiet ministerjali fuq bażi regolari u b'mod organizzat, u dan kif sar fil-filmat in kwestjoni. Il-filmat huwa materjal informattiv li huwa ta' interess pubbliku rigward il-ħidma tal-Gvern fil-qasam tant delikat u essenzjali tal-edukazzjoni u li l-pubbliku għandu dritt ikun infurmat dwaru, liema dritt jiġġenera l-obbligu da parti tal-Gvern illi jinforma dwaru. Anzi l-Gern jawspika li jkun hemm aktar inizzjattivi simili.

Dan il-filmat, appena ġie mħejji, intbagħat għall-approvazzjoni mill-uffiċjali rispettivi fi ħdan il-Ministeru. Il-filmat sab l-approvazzjoni meħtiega peress illi huwa filmat informattiv dwar il-ħidma tal-Gvern f'settur delikat u ta' importanza ċentrali għall-poplu in ġenerali. Il-proċedura mitluba skont il-Kodiċi ta' Etika ġiet rispettata rigorożament.

Dan kollu huwa għal darboħra in linea mad-deċiżjoni tieħek fil-każ K/045 fejn l-Uffiċju tiegħek fid-deċiżjoni, **sostna l-importanza tal-fatt illi x-xandir ta' riklam ikun ġustifikat meta meqjus fl-interess pubbliku. Di più, issostni wkoll illi d-dover ta ministru illi jispjega fejn il-Gvern qed jiffoka l-ħidma u l-infieq tiegħu jiġġustifika d-dehra ta' ministru għal dan il-għan. Tgħid ukoll illi dan għandu jfisser illi Ministru hu tenut jara li tinħareġ biżżejjed informazzjoni fl-interess pubbliku mill-ministeru tiegħu u l-entitajiet li jaqgħu taħtu.**

Finalment nikkonferma illi l-filmat mertu ta' dana l-ilment ġie jiswa mitt (100) ewro, bħalma wieħed jista' jikkonferma mid-dokumenti relattivi għal dan.

Għal dawn ir-raġunijiet l-ilment fil-konfront tiegħi għandu jiġi respint.

Inselli għalik,

Onor. Clifton Grima

Ministru għall-Edukazzjoni, Sport, Żgħażagħ, Riċerka u Innovazzjoni

**Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

19 ta' Frar 2025

L-Onor. Dr Clifton Grima
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Bl-email fuq clifton.grima@gov.mt

Onorevoli Ministru Grima,

**Każ K/069 dwar reklam mill-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni**

Nirreferi għall-ittra tiegħi tal-15 ta' Ottubru 2024, kif ukoll ir-risposta tiegħek datata 24 ta' Ottubru 2024 iżda riċevuta minn dan l-Uffiċċju fit-28 ta' Novembru 2024.

Ikkunsidrajt bir-reqqa l-punti li qajjimt fir-risposta tiegħek, iżda jidhirli li:

(a) Minkejja li inti stqarrejt li l-filmat kien magħmul għal raġunijiet informattivi, il-filmat ma fih ebda diskors, kummentarju jew informazzjoni viżiva. M'hemm xejn x'jindika dwar xiex inhu ħlief għal kitba qasira fuq Facebook li takkumpanja l-filmat.

(b) Minkejja li inti stqarrejt li tidher fil-filmat għal mumenti qosra biss, bħala stat ta' fatt inti tidher f'dan il-filmat għal madwar terz tal-ħin totali tiegħu. Barra minn hekk, il-kitba fuq Facebook li takkumpanja l-filmat tinkludi ismek fil-forma ta' ħolqa li tagħti għall-paġna personali tiegħek fuq Facebook. B'dan il-mod, riklam imħallas mill-gvern qed jagħti pubbliċità lill-paġna personali tiegħek, li tinkludi kontenut politiku fost affarijiet oħra.

(c) Fid-dawl tal-istqarrija tiegħek li l-filmat, appena ġie mħejji, intbagħat għall-approvazzjoni minn uffiċjali fil-ministeru tiegħek, għandu jiġi osservat li dawn l-uffiċjali (mhux identifikati minnek) effettivament huma subordinati tiegħek. Fi kwalunkwe każ, l-approvazzjoni ta' terzi ma teżentakx mir-responsabbilità tiegħek bħala Ministru sabiex tosserva l-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari.

(d) Kwalunkwe messaġġ li r-riklam kien maħsub biex iwassal seta' faċilment jitwassal mingħajr ma tidher int bħala Ministru.

(e) Jekk ministru jidher f'riklam maħsub biex jippubbliċizza proġett żviluppat mill-gvern, dan jagħti x'jifhem li l-ministru qed jipprova jagħmel gwadann politiku jew personali billi jieħu l-kreditu għat-tali proġett f'għajnejn il-pubbliku.

Għalhekk wasalt għall-konklużjoni li dan il-każ jirrappreżenta abbuż ta' fondi pubbliċi, għalkemm ta' ammont żgħir; nuqqas ta' separazzjoni bejn l-irwol ta' ministru u ta' deputat; u nuqqas ta' rispett lejn l-imparzjalità tas-servizz pubbliku, billi skont il-proċedura amministrattiva normali n-nefqa fuq ir-riklam kellha tiġi approvata minn uffiċjali fis-servizz pubbliku.

Madankollu, dan il-każ jista' faċilment jiġi konkluż taħt l-artikolu 22(5) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika. Bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Kummissarju għall-Istandards jista' jagħlaq każ jekk il-każ ma jkunx ta' xorta gravi u l-persuna li ġiet investigata tirrimedja l-ksur ta' etika b'mod li l-Kummissarju jqis adegwat. B'hekk il-każ ma jiġix riferut għall-konsiderazzjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Parlament dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika.

Fil-fehma tiegħi, ikun rimedju adegwat jekk inti tibgħatli apoloġija bil-miktub fejn inti tirrikonoxxi li nkiser il-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari peress li inti dehert fir-riklam, u tintrabat li dan il-ksur ma jiġix ripetut minnek fil-futur. Jekk taċċetta din il-proposta u tibgħatli apoloġija f'dan is-sens, jiena nikkwotaha fir-rapport tiegħi u nagħlaq il-każ.

Napprezza risposta sa mhux aktar tard mill-**Ġimgħa 14 ta' Marzu 2025**.

Insellimlek,

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

DOKUMENT E

GVERN TA' MALTA
MINISTRU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT,
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi

Kummissarju għall-iStandards fil-Ħajja Pubblika

Uffiċċju tal-Kummissarju għall-iStandards fil-Ħajja Pubblika

11, Strada San Paolo,

Il-Belt Valletta

Illum, 13 ta' Marzu 2025

**Lill-Kummissarju għall-iStandards fil-Ħajja Pubblika**

**Rif Tagħkom: K/069**

Għażiż Sur Kummissarju,

Nikteb bi tweġiba għall-ittra tiegħek tad-19 ta' Frar 2025.

Nirreferi wkoll għall-filmat fuq Facebook akkumpanjat mis-segwenti *"L-iskola Primarja l-ġdida tal-Imsida - l-ewwel skola pubblika carbon neutral li qatt inbniet lokalment."* (screenshot mehmuż bħala DOK A).

Nikkonferma l-fatt li fil-filmat jien nidher għal mumenti qosra biss fejn bħala stat ta' fatt qatt ma dehert waħdi fil-filmat, iżda dejjem kont fil-preżenza ta' ħaddiema li ħadmu qatigħ sabiex sar dan il-proġett li huwa l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu f'pajjiżna. Intenni wkoll li l-fatt li dehert fil-filmat flimkien ma' oħrajn, bl-ebda mod ma huwa pubbliċità għalija, iżda jirrifletti l-ħidma li saret sabiex twettaq dan il-proġett. Għalhekk ma nistax naqbel li dan huwa riklam imħallas mill-Gvern, jew inkella jinkludi kontenut politiku fejn tajjeb wieħed jissottolinja li mkien fl-istess filmat ma ninstema' inlissen kelma jew oħra, kif ukoll imkien ma ddaħħal kontenut politiku.

Filwaqt li nikkonferma dak iddikjarat minni fil-korrispondenza preċedenti, ma jidhirlix li huwa kompitu tiegħi li nidentifika min għamel jew tella' il-filmat. Niddikjara inoltre illi fuq livell personali qatt ma rajt l-istess filmat qabel ma ġejt notifikat mill-uffiċċju tiegħek bl-investigazzjoni odjerna. In fatti, rajt il-filmat għall-ewwel darba nhar il-15 ta' Ottubru 2024 u cioè fil-ġurnata li ġejt notifikat mill-uffiċċju tiegħek bl-investigazzjoni.

Ma nemminx illi għax dehert fil-filmat ifisser illi b'xi mod saret xi ħaġa ta' għajb li tagħti x'tifhem li jien ridt nieħu kreditu politiku jew personali f'għajnejn il-pubbliku. Minkejja illi kont injar mill-aġir ta' l-uffiċjali, ntenni illi l-filmat ma jwassalx għal konklużjoni ta'



Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana, Malta
T +356 2598 2860 M +356 [redacted] E clifton.grima@gov.mt
www. education.gov.mt

skorrettezza. Wisq inqas ma nemmen illi tali filmat jista jiġi meqjus bħala abbuż ta' fondi pubbliċi, anki jekk dawn ikunu ammonti żgħar. Dejjem insistejt illi jkun hemm separazzjoni bejn l-irwol ta' Ministru u ta' Deputat tad-distrett u esiġejt u dejjem urejt rispett lejn l-imparzjalità tas-Servizz Pubbliku.

Nemmen li minkejja li dan il-każ jista' faċilment jiġi konkluż taħt l-artikolu 22(5) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, fejn bis-saħħa ta' dan l-istess artikolu, il-Kummissarju għall-iStandards jista' jagħlaq każ jekk dan ma jkunx ta' xorta gravi, u l-persuna li ġiet investigata tirrimedja l-ksur ta' etika b'mod li l-istess Kummissarju jqis adegwat, f'liema każ, meta dan iseħħ, il-każ ma jiġix riferut għall-kunsiderazzjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Parlament dwar l-iStandards fil-Ħajja Pubblika. Ukoll, in vista tal-fatt li inti indikajt li tqis rimedju adegwat apoloġija min naħa tiegħi b'rikonoxximent li nkiser il-Kodiċi ta' Etika, b' kull dovut rispett, il-kuxjenza tiegħi ma tħallinix nagħmel dan il-pass.

Nifhem illi din id-deċiżjoni jista jkollha konsegwenzi serji u nifhem illi l-Kummissarju għall-iStandards għandu s-setgħa illi jibgħat din il-proċedura għall-iskrutinju quddiem il-Kumitat Permanenti tal-Parlament dwar l-iStandards fil-Ħajja Pubblika. Nawspika illi bit-tweġiba tiegħi tenut kont ukoll tal-fatti li jsawru dan il-każ dan ma jseħħx.

Filwaqt illi nesprimi r-rispett kbir li għandi lejn il-Kummissarju għall-iStandards u minkejja illi kull apoloġija tiegħi kienet ittemm dan l-inċident spjaċevoli, onestament inħoss li fl-ebda ħin jew mument ma ksirt jew inqast milli nosserva l-istandards u etika mistennija minni fil-ħajja pubblika.

Qed nikteb din l-ittra bl-istess mod kif dejjem aġixxejt fil-ħajja tiegħi, cioè, billi nimxi skont il-kuxjenza tiegħi u fuq dak li nħoss li huwa ġust u sewwa.

Għoddni tiegħek,

Onor. Clifton Grima

Ministru għall-Edukazzjoni, Sport, Żgħażagħ, Riċerka u Innovazzjoni



Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana, Malta
T +356 2598 2860 M +356[redacted] E clifton.grima@gov.mt
www. education.gov.mt

**DOK A**

Edukazzjoni
7 September 2024 ·

L-iskola Primarja l-ġdida tal-Imsida - l-ewwel skola pubblika carbon neutral li qatt inbniet lokalment.

Clifton Grima | Foundation for Tomorrow's Schools - FTS



Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana, Malta
**T** +356 2598 2860 **M** +356 [redacted] **E** clifton.grima@gov.mt
**www. education.gov.mt**